SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TMIENJA (KONTINWAZZJONI)**

**24 ta' Frar 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Gwann fl-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph Agius, u l-Kunsillieri Rita Saliba, Violet Bajada, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia.

**SKUŻAT**

Il-Vici Sindku Etienne Bonello DuPuis.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud

Saret sospensjoni tal-laqgħa sabiex inżammet minuta silenzju b'tifkira ta' missirijiet is-Sindku u l-Viċi Sindku.

**MINUTI**

Is-Sindku Joseph Agius ppresjeda.

Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsill f' ismu u f' isem il-familja tiegħu għal waqt dan iż-żmien diffiċli.

Il-Kunsill għadda sabiex ikompli l-*item* tal-aġenda li kienu ġew aġġoranati fis-seduta preċedenti.

**"Il-Kunsillier Joan Farrugia ppreżentat ittra biex tintbagħat lid-Direttur, iffirmata minn sitt Kunsillieri biex jiffirmaha Joseph Agius wara li qabel mal-kontenut. Il-Kunsillier Rita Saliba qalet li mhux f'pożizzjoni li tiffirma, pero' finalment iffirmat."**

**Emendata Laqgħa nru.10**

## 8.2. Kommunikazzjoni mis-Sindku

8.2.1 Is-Sindku nforma lil-Kunsill bid-diversi skemi ta' finanzjament mill-Gvern Ċentrali u li għalihom applika l-Kunsill, fejn l-ammont ta' fondi mitluba kien ilaħħaq għall-iktar minn €277,000.

8.2.2 Il-Kunsill kien irreferut għal Memo 89 dwar l-*Allowance* tal-Kunsilliera, fejn saret diskussjoni dwar dak li tgħid il-Liġi fir-rigward tal-komunikati kollha tal-Kunsill lil Membri tal-Kunsill għandha ssir biss permezz ta' *email* ***"fejn is-Segretarju Eżekuttiv qara punti mil-liġi li tgħid li l-korrispondenza trid tintbagħat b'email. Il-Kunsillier Neville Mallia qal li ma jissemma xejn dwar l-aġenda u minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għandu Memo li jikkonferma li l-aġenda u l-minuti ma jingħatawx lil Kunsilliera u li se jgħaddi kopja lil Kunsilliera".***

**Emendata Laqgħa nru. 10**

8.2.3 Il-Kunsill kien infurmat bil-Konferenza organizzata mill-*European Cities Against Drugs* li se ssir bejn il-21 u t-23 ta' April 2010 f' Għawdex.

8.2.4 Il-Kunsill kien infurmat bl-applikazzjoni mill-*Malta Communications Authority* dwar *Internet Gardens* sabiex jiġi nstallat servizz tal-*internet* b'xejn fil-Ġnien ta' Misraħ Lewza

8.2.9 Il-Kunsill ġie nfurmat bl-applikazzjoni għal proġett li jiġi ffinanzjat totalment mill-Unjoni Ewropeja dwar ir-riċiklaġġ tal-iskart eletronitiku taħt il-programm ta' fondi *Leonardo Da Vinci*.

8.2.10 Il-Kunsill kien infurmat bil-każ miftuħ kontrih fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ mis-Sur Mark Camilleri, u li għalih kienet ġiet mibgħuta r-risposta permezz tal-Avukat.

8.2.11 Il-Kunsill kien infurmat li ċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, fil-każ *Sammy Borg Enterprises Ltd* kontra Kunsill Lokali San Ġwann , kien iddeċieda favur il-kumpanija u għalhekk il-Kunsill kien ordnat iħallas is-somma ta' madwar € 3000 li tinkludi l-pagament miżmum, l-imgħaxxijiet u l-ispejjeż legali kollha peress li rriżulta li l-Kunsill ma setgħax jaqta ammonti ta' flus dovuti lil kuntrattur mingħajr ma jimxi mal-proċeduri mitluba mill-kuntratt.

8.2.12 Il-Kunsill ġie nfurmat li matul iż-żjara tal-Q.T il-Papa f'Malta, fis-17 ta' April, se jgħaddi minn San Ġwann u li permezz ta' dan il-Kunsill kien ser jingħata opportunita japplika għal fondi minn skema oħra tal-Gvern Ċentrali sabiex jiġu mibdula u mpoġġija għamara tat-triq fi Ġnien Karen Grech u Misraħ Lourdes kif ukoll *plant-holder* li jinsabu fi Triq in-Naxxar.

8.2.13 Il-Kunsill filwaqt li kien infurmat bil-proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropeja bl-isem "*Opportunities Closer to Home",* fejn is-sehem tal-Kunsill kien ilaħħaq ghal € 3982.50c u ried jiġi mħallas lil Kunsill Lokali Kirkop li hu l-*Lead Partner* tal-proġett, fejn il-Kunsill kien ukoll infurmat li l-finanzjament mill-Gvern Centrali għas-sehem tal-Kunsill kien ikwalifika għal grant hija ta' € 3,393, unanimament qabel li jsir dan il-hlas.

## 8.8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapporti tal-*Contracts' Manager* (Indafa)

8.8.1 Il-Kunsill ikkunsidra r-rapporti tal-*Contracts' Manager* li jkopru l-perjodu ta' bejn il-16 ta' Novembru 2009 u s-27 ta' Diċembru 2009, u li kopja tagħhom huma anessi ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "8E" sa "8H".

8.8.1 Dwar il-rakkomandazzjonijiet tal-*Contracts' Manager* dwar manutenzjoni fil-Latrina Publika, filwaqt li kien inottat li dawn kienu diskussi, ġie deċiż li ssir evalwazzjoni tan-nuqqasijiet kollha li fihom dawn il-faċilitajiet sabiex tinġieb stima għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

8.8.2 Dwar *pruning* minn ġonna privati, fejn is-siġar qed jostakolaw proprjeta' publika, il-Kunsill ġie nfurmat li hemm minn qed jikkopera.

8.8.3 Dwar ir-rapport 115, dwar għamara tat-toroq mingħajr permess, ġie deċiż li għandhom jitneħħew fl-iqsar zmien possibli hekk kif tistipola l-*bye law* tal-Kunsill.

8.8.4 Il-Kunsillier Neville Mallia kien inkargat jagħmel *site inspection* dwar il-“*Merħba Sign*” li kien hemm fi Triq tas-Sliema u probabilment inqgħalet waqt xogħlijiet li saru f’propjeta’ tal-Korporazzjoni Enemalta.

**8.9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet**

8.9.1 Ġiet ppreżentata stima mingħand il-kuntrattur *Dimbros Limited* għal xogħlijiet ta’ bankini fi Triq San Franġisk, Triq Naxxar k/m Triq San Franġisk, Triq Massabielle u Triq Lantana li tammonta għal € 5661.80c f’xogħlijiet ta’ manutenzjoni tal-bankini u f’€ 10767.45 f’xogħlijiet ta’ bdil ta’ mejns tal-ilma u kaptelli tas-sistema tad-drenaġġ.

8.9.2 Il-Kunsill iddiskuta illi għandu jsir biss il-manutenzjoni tal-bankini għal prezz ikwottat ta’ € 5661.80c kif ukoll li qabel jinbeda x-xogħol issir laqgħa mal-kuntrattur sabiex ikun miftiehem sew dan il-kunċett kif ukoll li qabel jinbeda dan ix-xogħol l-istess kuntrattur irid iwettaq tiswija ta’ xogħlijiet ħżiena li għamel f’Misraħ Lewża u Misraħ Lourdes.

8.9.3 Il-Kunsillier Rita Saliba ġiet skużata mill-laqgħa fis-6.30 filgħaxija.

8.9.4 Dwar Triq in-Naxxar li qedgħa inkluża fl-istima, il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lil Awtorita’ dwar it-Trasport billi din hija responsabbilta’ ta’ l-Awtorita’.

8.9.5 Il-Kunsillier Rita Saliba daħlet għal-laqgħa fis-6.35 filgħaxija.

8.9.6 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

8.9.7 *“Il-Kunsill jaqbel li ssir manutenzjoni ta’ partijiet mill-bankini fi Triq Massabielle, Triq Lantana u Triq San Franġisk ghal prezz ta’ mhux iktar minn € 5661.80c.”*

8.9.8 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u għaddiet unanimament.

8.9.9 Il-Kunsillier Rita Saliba ġiet skużata mill-laqgħa fis-6.45 filgħaxija.

8.9.10 Il-Kunsill unanimament approva li għandha ssir lista ta’ tabelli tat-traffiku li għandhom bżonn manutenżjoni.

8.9.11 Il-Kunsillier Rita Saliba daħlet għal-laqgħa fis-6.50pm.

8.9.12 Il-Kunsill unanimament qabel illi b’konformita mal-Liġi jsiru erba tabelli, simili għal dawk li saru biex jippromwovu l-attivita’ tal-Karnival, iżda li jeħlu b’mod permanenti għal uzu kontinwu tal-Kunsill.

8.9.13 Il-Kunsill unanimament qabel li l-*u shaped bollards* li kienu jintużaw għal madwar l-iskips u li issa ġew bla użu jiġu maqlugħa u jitwaħħlu fejn ikun hemm ħtieġa ta' *bollards*, fejn ingħata eżempju bil-htiega li hemm fi Triq J.F. Marks.

8.9.14 Il-Kunsill unanimament qabel li jsiru tabelli **"~~f'Misraħ Ewrikarja~~" "fi Triq is-Sorijiet Franġiskani k/m Triq J. F. Marks"** li jindikaw li vetturi għandhom jiġu pparkjati bil-*pipe* ta' l-*exhaust* il-barra.

**Emendata Laqgħa nru. 10**

8.9.15 Dwar manutenzjoni ta' ġonna, il-Kunsill unanimament qabel li l-ħaddiem ta' *IPS Ltd* jagħmel xogħol ta' tikħiel u tibjid taċ-ċnut fil-ġonna ta' Santa Margerita, f' Misraħ Awrikarja u f' Ta' Żwejt.

8.9.16 Il-Kunsill qabel li s-sinjali sofor li kienu jindikaw fejn kien hemm l-iskips u li issa mhux użati għandhom jigu konvertiti f'dawk ta' parkeġġ.

8.9.17 Dwar l-attivita' li l-Kunsill tella' għall-Karnival, il-Kunsill esprima s-sodisfazzjoni tieghu lejn il-partecipanti kollha ta' din l-attivita u dan minkejja li t-temp kien ħażin l-attivita' kienet suċċess, **"~~filwaqt li ddeplora lil kull min b'xi mod ried ifixkel jew inaqqas mill-importanza li kellha din l-attivita'~~" "Il-Kunsilliera Marica Bayliss iddeplorat il-fatt li minn fuq il-mejda ssib tfixil fl-attivitajiet u li ma tippretendi għajnuna mingħand hadd imma lanqas min ifixkilha"**.

**Emendata Laqgħa nru. 10**

8.9.18 Il-Kunsillier Neville Mallia ġie skużat mill-laqgħa fis-7.10 filgħaxija.

8.9.19 Kienet diskussa wkoll il-problema fejn il-kostumi tal-Karnival jigu miżmuma, fejn kien hemm qbil li se jsir sforz sabiex jinstab post mingħajr ma jkun ta' spiża fuq il-Kunsill.

8.9.20 Il-Kunsillier Neville Mallia daħal lura għal-laqgħa fis-7.15 filgħaxija.

8.9.21 Dwar l-Attivita' Snajja u Artiġjanat, il-Kunsill ġie nfurmat li se ssir il-Ħadd, 11 ta' April 2010, matul il-ġurnata kollha u li dwarha għaddejjin bis-sħiħ il-preparamenti.

8.9.22 Il-Kunsill qabel li jevalwa talba ta' residenti ta' Triq il-Kampanella sabiex din it-triq issir "*one way*" billi jkun hemm konġestjoni kbira meta jkun hemm il-Futboll *Nursery* miftuħ.

8.9.23 Kien diskuss mill-Kunsill problemi kkawżat madwar xi siti ta' rimi ta' skart imħallat u dak separat, fejn kien inottat il-ħtieġa li jkun hemm rispons aħjar fir-rigward tal-ġbir tal-iskart li qed **"~~jinoloq~~" "jinħoloq"** fil-

madwar ta' ċertu siti peress li qed ikun ta' nkonvenjent kif ukoll li f'xi toroq mhux qed isir il-ġbir tal-boroz waqt is-servizz tal-ġbir bieb b'bieb.

**Emendata Laqgħa nru. 10**

8.9.24 Il-Kunsill kien infurmat li mqabbel mas-sena preċedenti f'Jannar 2010 kien inġabar 173 tunellati ta' skart imħallat inqas minn San Ġwann kif ukoll saru arranġamenti speċjali mal-kumpanija *Green MT* fejn San Ġwann sar wieħed mill-ewwel tliet lokalitajiet f'Malta li qed jinġabar l-iskart riċikabbli mis-settur kummerċjali.

8.9.25 Wara diskussjoni fejn ġie propost li jsir bdil fil-ħin tas-servizz billi dan jibda fid-9.00 ta' filgħodu kif ukoll tat-tieni ġurnata li fih isir l-iskart isseparat, is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser issir laqgħa ma' *Green MT* fejn ser jiġu msemmija dawn il-proposti għal evalwazzjoni fejn l-istess waqt issir reviżjoni tal-postjiet fejn jinstabu uħud mis-siti sabiex fil-każ issir riallokazzjoni tagħhom.

8.9.26 Il-Kunsill qabel li jsir sinjal "*Slow*" fi **"~~Triq San Mikiel~~" "Triq J. F. Marks"** kantuniera ma' Triq il-Battaljun.

**Emendata Laqgħa nru. 10**

8.9.27 Dwar l-*upgrading* ta' Misraħ Lewża, il-Kunsill approva stima ta' madwar €7,000 mingħand l-*Environmental Landscaping Consortium Ltd* għal xogħlijiet ta' tisbiħ f'dan il-ġnien.

8.9.28 Dwar in-*Newsletter* tal-Kunsill, il-Kunsill kien infurmat li ma kienux inġabru biżżejjed riklami u li għaldaqstant l-Editur kien iltaqa' ma' rappreżentanti ta' *Ability Productions*, li huma lesti jippublikaw magażin ta' 32 paġna għan-nom tal-Kunsill din il-pubblikazzjoni billi jieħu ħsieb l-istampar iżda jingħataw €383.50 fi ħlas, nofs il-paġni għar-riklamar u l-ispejjeż relatati mad-distribuzzjoni.

8.9.29 Kien hemm qbil unanimu fil-prinċipju li l-Kunsill għandu jikkumissjoni lil *Ability Productions* sabiex tħejji n-*newsletter* tal-Kunsill iżda li qabel tinżamm laqgħa ma' din il-kumpanija sabiex isiru diskussjonijiet iktar fid-dettal u ssir proposta formali.

8.9.30 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-*item* fuq l-aġenda.

Konfermati, illum **17** ta' Marzu, 2010

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Joseph Agius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |